**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr Josette Demicoli LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Carlos Aquilina**

**Omissis**

**Russell Brincat**

Kump. Nru: 864/2009

Illum 30 ta' Ottubru 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Carlos Aquilina** ta' 20 sena, iben Carmel u Josephine nee' Muscat imwieled Pieta' fid-29 ta' Ottubru 1989 u joqghod 15, Solitaire, Triq Titu Bronsma, Fgura detentur tal-karta tal-identita' b'numru 500489M, **Omissis, u Russell Brincat** ta' 18-il sena imwieled Pieta' fit-22 ta' Settembru 1990 bin Publius u Maria Therese nee' Farrugia li joqghod St Helen 96, Triq San Tumas, Fgura detentur tal-karta tal-identita' b'numru 474690M:

Talli lkoll akkuzati talli matul il-lejl ta' bejn it-20 u l-21 tax-xahar ta' Marzu 2009 minn fond (garaxx) Numru 6 sitwat fi Triq Xmun, Fgura:

1. Ikkommettew serq ta' zewg vetturi tal-ghamla Austin Mini bin-numru ta' registrazzjoni JBA 607 u tal-ghamla Escort MK1 numri garaxxjati LCE589, set pjanci numri KAI816, parts tal-karozzi, ghodda u apparat tal-HI-FI ghad-dannu ta' Keith Johnson mill-Fgura liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin/2329.37 Euro.

2. Carlos wahdu akkuzat talli fl-istess dati, hinijiet, cirkustanzi u/jew fil-granet ta' wara dawn id-dati, f'diversi postijiet f'dawn il-Gzejjer, xjentement xtara jew laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibiegh, jew imexxihom, liema oggetti kienu gejjin minn serq kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin/2329.37 Euro.

3. U aktar Carlos akkuzat talli fl-istess dati, hinijiet, cirkustanzi u/jew fil-granet ta' wara dawn id-dati, f'diversi postijiet f'dawn il-Gzejjer, saq vettura tal-ghamla Transit numru tar-registrazzjoni GBH059 minghajr licenzja tas-sewqan u b'hekk ma kienx kopert b'polza t'assigurazzjoni kontra terzi persuni.

4. Carlos akkuzat aktar talli kkommetta reat li ghalih hemm kontemplat piena ta' priguneria, fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta datata 31 ta' Lulju 2008.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigu gudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub that l-artikoli indikati fl-istess nota.

Rat li l-imputati iddikjaraw li m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

Kunsiderazzjonijiet

Illi mhux kontestat li l-imputat Carlos Aquilina biegh lil Keith Johnson Austin mini kulur isfar ghall-prezz ta' LM1,200. Dan jirrizulta minn ftehim li jinsab ezebit in atti[1]. Dan il-ftejim mhux datat. Jidher li thalla depozitu ta' €155 u l-bqija kellhom jithallsu €233 fix-xahat permezz ta' cekkijiet *post-dated.* In atti gew ezebiti diversi cekkijiet il-maggiorparti taghhom fl-ammont ta' €116 li kienu *post-dated* u mhollija *blank* u ffirmati minn Keith Johnson. L-ewwel data li tirrizulta hija 26 ta' Jannar 2009 sad-data-29 ta' Settembru 2009. Kien hemm ukoll ftehim iehor bejn l-imputat Carlos Aquilina u Keith Johnson fejn Carlos Aquilina biegh lil Keith Johnson escort mark ahdar fil-blue bil-pjanci ggaraxxjati ghall-prezz ta' €1,400 (LM600). Keith Johnson kellu jhallas pagamenti ta' €175 fix-xahar. Fl-istess skrittura hemm id-dati tal-pagamenti – mis-16 ta' Frar 2009 sal-1 ta' Settembru 2009. Fid-dokument ezebit mill-prosekuzzjoni jirrizultaw diversi cekkijiet *post-dated* iffirmati minn Keith Johnson fl-ammont ta' *€175.*

Inoltre' instabu fil-pussess ukoll ta' Carlos Aquilina diversi cekkijiet fl-ammont ta' €40 iffirmati minn Keith Johnson ukoll *post-dated*.

L-Ispettur Spiridione Zammit[2] xehed li certu Keith Johnson kien mar jirrapporta l-ghassa tar-Rahal Gdid fit-23 ta' Marzu 2009 li kien ghadu kif sab il-garaxx tieghu sgassat u l-vetturi tieghu neqsin. Morru fuq il-post u l-kwerelant qalilhom li kien hemm oggetti ohra li nsterqulu. Giet innutata s-serratura sgassata u toqba biswit is-serratura. Keith Johnson qalilhom li huwa kien innota l-garaxx intatt fl-20 ta' Marzu 2009. B'hekk infethet inkjesta magisterjali fl-24 ta' Marzu 2009. L-ghada Keith Johnson kien iddikjara mal-espert nominat fl-inkjesta li kien ircieva telefonata anonima fejn qalulu li shabu Ryan, Russell u Carlos kienu serqulu l-vetturi l-Gimgha 20 ta' Marzu. Keith Johnson qallu li l-escort kien xtraha xi tlett gimghat qabel minghand Carlos. L-ufficjal prosekutur kompla jixhed dwar kif mexxa l-investigazzjoni u kellem lill-imputati.

---

[1] Dok SZ17

[2] Seduta tat-23 ta' Novembru 2009

Keith Johnson[3] xehed li kien xtara zewg vetturi ossija wahda mini li xtraha f'Jannar 2009, u l-ohra escort fi Frar/Marzu 2009 minghand l-imputat Carlos Aquilina. Il-mini xtraha ghall-prezz ta' LM1,200 u l-ohra LM600. Huwa hareg cekkijiet *post-dated* biex ihallashom. Kien qeghdhom f'garaxx il-Fgura. Fil-21 ta' Marzu 2009 cempillu certu Christian Cutajar li qallu li l-garaxx kien vojt. B'hekk huwa telaq minn fuq il-post tax-xoghol. Marru ghalih Carlos Aquilina, Ryan Mizzi u Christian Cutajar. Meta sab il-garaxx vojt ma kienx jaf x'se jaghmel u marru fil-garaxx ta' Ryan Mizzi, Carlos Aquilina qallu biex ma jaghmilx rapport lill-pulizija billi l-escort ma kienx ghadu sar it-transfer taghha u kien qed jibza' li kien ser jinqala' l-inkwiet mal-bejjiegh tal-karozza. B'hekk ma rrapportax mill-ewwel izda mar jumejn wara jirrapporta. Meta mar jaghmel ir-rapport kien qal lill-pulizija li kien ilu jumejn ma jmur lejn il-garaxx u li meta mar sab il-bieb miftuh u qalilhom x'kien insteraqlu. Hekk kif bdew l-investigazzjonijiet huwa waqqaf il-pagamenti. Baghat ghalih l-Ispettur Zammit biex ikellmu li min-naha tieghu ma emminx ir-rapport u x-xhud spicca taht arrest. Meta rega' kellmu l-ispettur rega' rrepeta l-istess storja. Qallu wkoll li lejl qabel ma l-karozzi kienu nsterqu. Carlos Aquilina cempillu u talbu biex jiltaqghu l-garaxx biex jara karburatur tal-karozza. Hekk ghamlu u l-bieb tal-garaxx ma riedx jinfetah. Kien hemm maghhom Russell Brincat, Ryan Mizzi. Carlos Aquilina issuggerixxa biex jiftah il-katnazz b'turnavit, jaghmlulu Katina u imbaghad l-ghada filghodu jirranga l-katnazz. Dak il-hin Russell Brincat taqqablu s-serratura bid-driller u serratura ohra biex minnha tidhol katina. Carlos Aquilina ra l-karburatur u ghalqu l-bieb bil-katina. Il-katina kienet ta' Ryan Mizzi u l-katnazz ta' Carlos Aquilina li ma tahx ic-cavetta tieghu. L-ghada filghodu Carlos Aquilina cempillu biex imorru jirrangaw is-serratura izda hu ma marx minhabba x-xoghol. Imbaghad cempillu Christian Cutajar. Ix-xhud kkonferma Dok SZ19 u SZ20 bhala c-cekkijiet li kien hareg lil Carlos Aquilina ghall-hlas tal-karozzi. Huwa ma kitibx fuq min kienu qed jinhargu fuq talba tal-istess Carlos Aquilina.

In kontro-ezami[4] xehed li Carlos Aquilina qallu biex ihalli c-cekkijiet blank u jikteb biss l-ammont. Kien hemm uhud mic-cekkijiet ma gewx onorati minhabba li ha zball fid-dati ta' mal-paga. kif ukoll ghaliex ma kienx hemm flus fil-kont tieghu.

[3] Seduta tat-23 ta' Novembru 2009
[4] Seduta tat-12 ta' Jannar 2015

Ryan Mizzi[5] kien inizjalment ko-akkuzat maz-zewg imputati odjerni. Huwa xehed li Carlos Aquilina kien biegh xi karozzi lil Keith Johnson bid-dejn u Keith Johnson ma zammx mal-ftehim u Carlos Aquilina qal lil Keith Johnson baqa' jsuq il-karozzi bin-numri foloz ta' xi karozza ohra u Carlos Aquilina beza' li kien se jlaqqatha minghand min huwa kien xtara l-karozza. U billi Keith Johnson ma zammx mal-ftehim, Carlos Aquilina ha bid-dritt li kien tieghu. Huwa spjega li xi hadd mill-imputati qasam cavetta fil-bieb tal-garaxx ta' Keith Johnson. B'hekk Johnson ma setax jiftah il-bieb u ghamlulu Katina. Kif telaq Johnson, l-imputati nehhew il-katina, hadu l-karozzi u haduhom il-garaxx ta' Carlos Aquilina f'Birzebbugia. Il-pjan li jaghmlu Katina kien intiz sabiex Aquilina jkun jista' jiftah il-bieb facilment. Kull ma ttiehed mill-garaxx kien dak li kien ta' Carlos Aquilina u xejn aktar. Russell Brincat kien maghhom ukoll biex hadu l-karozzi. Huwa ma kien se jiehu xejn tal-involviment tieghu. In kontro-ezami qal li Russell Brincat kien jaf b'kollox pero' il-hsieb tax-xhud u ta' Brincat zgur li ma kienx li jisirqu. Jichad izda li dan kollu sar bhala cajta.

Anton Pace[6] xehed li kien biegh *escort* lil Carlos Aquilina. Ftehmu prezz u li kien se jhallsu fix-xahar. L-ewwel xahar ma kienx hallsu u mar ikellmu. Tah cekkijiet li minnhom issarraf biss wiehed u l-ohrajn ma ssarfux. Eventwalment l-Ispettur baghat ghax-xhud u talbu l-logbook tal-*escort.* Aquilina kien fadallu xi jtih xi €1,000. Ghaddilu xi pagamenti izda ma hallasx il-bilanc kollu. Ghalhekk ma sarx it-trasferiment tal-karozza.

Frank Butler[7] xehed li huwa ra li l-escort mertu tal-kawza kien se jittiehed minn certu Mario t-Tramalja biex jinbiegh ghall-hadid. Billi x-xhud dilettant tal-karozzi talabulu. Dan Mario qallu biex imur ghall-karozza r-razzett ghaliex kien se jaqlalu l-magna. Ix-xhud mar ghalih u wara ftit jiem iben ix-xhud, li jahdem ma' Mario, cempel lil missieru biex jiehu lura l-escort ghaliex kien misruq. B'hekk hadlu escort lura u eventwalment kellimhom l-Ispettur.

Mario Mifsud[8] ikkonferma li kellu escort ta' kulur hadrani. Gharaf il-firma tieghu fuq il-logbook ezibit[9]. Huwa biegh dan l-escort lil certu Adrian maghruf bhala l-Pinzell u anki sar it-transfer.

---

[5] Seduta tal-1 ta' Marzu 2010
[6] Seduta tal-1 ta' Marzu 2010
[7] Seduta tal-1 ta' Marzu 2010
[8] Seduta tat-12 ta' April 2010

Mario Magro[10] xehed ku huwa kien garr karozza minn Birzebbugia fuq talba ta' zewgt guvintur li qalulu li kellhom zewgt karozzi biex jarmuhom. Huwa mar u ha l-escort mark ta' kulur ahdar u qallu li kien hemm mini minor hdejn il-Knisja u x-xhud kien se jibghat lil missieru. Wara li ha l-escort (li hu m'gharafx mir-ritratti) qalaghlu l-magna ghal xi parts u kien se jghaffeg l-escort. Imbaghad rah habib tieghu, Frank Butler, u talabulu ghad-delizzju tieghu. Meta kellmuh il-pulizija ha l-escort St Andrews. Huwa gharaf lil Carlos Aquilina bhala wiehed mill-guvintur li kellmuh.

Romwald Attard[11], rapprezentant tal-Bank of Valletta plc, ikkonferma l-kont appertenenti lil Keith Johnson. Joanne Bartolo[12], in rapprezentanza tal-istess Bank, xehdet li mill-istatement tal-kont bankarju ta' Johnson jirrizulta li kien hemm tlett cekkijiet li gew referred to drawer. Dawn ma jkunux issarfu ghaliex ma jkunx hemm flus fil-kont.

L-imputat Russell Brincat xehed mill-gdid fid-19 ta' Ottubru 2015 (billi kien inbidel il-Magistrat sedenti) u saret referemza lilu ghax-xhieda li kien ta fis-17 ta' Jannar 2013. Huwa spjega li kienu erbat ihbieb – Carlos Aquilina, Keith Johnson, Ryan Mizzi u huwa. Johnson kellu zewg karozzi u l-imputat kien minghalih se jehdulu l-karozzi bhala cajta. Carlos Aquilina ried jidhol fil-garaxx ta' Johnson. L-imputat qal li dahal fl-istorja ftit wara li bdew shabu bdew ihejji ghaliha. Huwa tqabbad itaqqab is-serratura tal-garaxx ta' Johnson u dan sar quddiem l-istess Keith Johnson u dan billi meta Keith Johnson mar biex jiftah il-bieb tal-garaxx ma setax ghax is-serratura kienet blukkata b'xi haga. Brincat dak il-hin ighid li ma kienx jaf li s-serratura kienet giet ibblukkata. Ryan Mizzi gab Katina u Aquilina kellu katnazz u sakkru bihom. Wara dan kollu, Keith Johnson mar id-dar. Huma marru l-garaxx ta' Johnson. Dak il-hin Russell Brincat ighid li ma kienx jaf li l-katina kienet imbabbsa billi holqa minnhom kienet issegata u ssaldata. Din il-katina kienet tieghu fil-passat izda kienet ilha ghand Ryan Mizzi. Xi hadd minn Aquilina jew Mizzi ha plyer u fetah il-katina facilment.

[9] Dok SZ20 a fol 66 tal-process
[10] Seduta tas-26 ta' Mejju 2010
[11] Seduta tas-26 ta' Mejju 2010
[12] Seduta tad-19 ta' Ottubru 2015

Huwa kompla li meta nfetah il-garaxx, l-affarijiet li kien hemm fil-garaxx intefghu kollha gol-karozza u l-garaxx thalla vojt. L-escort kien qieghed jingibed mit-transit li fih kien hemm l-imputat u Ryan Mizzi. Carlos kien fl-escort. Kif waslu quddiem Montebello fejn hemm il-cameras, Carlos paqpaq u staqsa kienx hemm triq ohra biex ma jghaddux minn quddiem il-camera. Kif l-imputat staqsa ghalfejn, Aquilina qallu li huma kienu serqu l-karozzi u dak il-hin Brincat ried jitlaq izda ma setax jitlaq ghaliex kien sari l-hin. Wasluh id-dar u ma kellux aktar x'jaqsam. Ghalih din kienet cajta. In kontro-ezami qal li ghalkemm fl-istqarrija tieghu ma tnizzilx li huwa haseb li kienet cajta huwa minn dejjem hekk qal. Ma ftakarx jekk fl-istqarrija kienx qal lill-ispettur li meta waslu fejn Montebello huwa kien talab biex jinzel.

Carlos Aquilina[13] spjega li biegh zewg karozzi *escort mark 1* u *mini minor* lil Keith Johnson ghall-prezz ta' LM600 u LM1,200 rispettivament. Inhargu xi cekkijiet li ma ssarfux. L-ahhar li kien lahaq hallsu taghhom kien madwar Lm250. L-imputat xehed li mar il-garaxx ta' siehbu Ryan u beda jitkellem fuq hekk u siehbu qallu *'mhux immorru nohduhom?'.* U hekk iddecidew. Huwa rrefera ghall-iskrittura li kienet giet iffirmata bejnu u Keith Johnson fejn ftehmu li jekk Keith Johnson ma jhallasx seta' jiehu l-karozzi lura. Huwa xehed li kulhadd kien prezenti inkluz Keith Johnson meta Russell Brincat taqqab is-serratura tal-bieb tal-garaxx mikri ghand Keith Johnson. Russell Brincat dawwar ukoll Katina minn toqba ghal toqba. Carlos Aquilina xehed li qabel ma sar dan kollu darba minnhom kellem lil Johnson dwar il-flus kif ukoll qallu biex ma jibqax jigri bl-escort bin-numru tal-Metro. Spjega li dak iz-zmien kellu transit, saqu Ryan u rabtu l-escort b'habel u nizluh il-garaxx tieghu Birzebbugia. L-imputat kien gol-escort. Hadu wkoll il-parts tal-escort u xi bonnet. Huwa tah il-karozzi shah mentri Johnson bhala dilettant zarmahom. L-imputat xehed li dak kollu li ha mill-garaxx kien kollu tieghu.

Ikkunsidrat

Id-difiza ta' Carlos Aquilina ressqet bazikament linja difensjonali li tista' tinqasam fi tnejn. L-ewwel wahda hija dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat Aquilina li ttiehdu minghajr l-assistenza tal-avukat.

[13] Seduta tal-21 ta' Novembru 2016

Illi konformament ma' dak li kienet tipprovdi l-Ligi fiz-zmien meta sehh l-incident l-imputati la nghataw id-dritt li jikkonsultaw ma' avukat qabel ma rrilaxxjaw l-istqarrja u wisq anqas nghataw id-dritt li jkunu assistiti minn avukat waqt ir-rilaxx tal-istqarrija.

Illi sussegwentement inbidlet il-Ligi kemm ghal dak li jirrigwarda l-assistenza legali qabel u waqt ir-rilaxx ta' stqarrija. Tant huwa hekk li llum l-Ligi tiggarantixxi d-dritt tal-assistenza legali qabel u waqt ir-rilaxx ta' stqarrija. Dwar id-dritt ta' l-assistenza legali lill-persuni suspettati f'l-istadju ta'l-investigazzjoni in generali s-sitwazzjoni hija ormai kristallizata u hemm gurisprudenza kopjuza, kemm domestika kif ukoll tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem anke b'referenza partikolari ghall-pozizzjoni ta' Malta. Referenza ssir f'dan l-istadju ghal dak li gie ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Camilleri**[14]. Inoltre' kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ramon** Fenech[15] *"in-negazzjoni tad-dritt ta' assistenza legali "at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement".*[16]

Ghalhekk in linea mal-principji emergenti mil-gurisprudenza u b'applikazzjoni taghhom ghall-kaz in ezami, tenut kont tal-fatt li l-imputat ma nghatax id-dritt li jikkonsulta ma' avukat u ma jidhirx li seta' kien hemm xi ragunijiet impellenti biex dan ma jsirx, u tenut kont tal-fatt ukoll li l-imputat ghamel dikjarazzjonijiet li fic-cirkostanzi tal-kaz jistghu jkunu ta' pregudizzju ghalih, il-Qorti m'hijiex qed tqis l-istqarrijiet bhala prova ammissibbli u ser tiskartahom.

Ikkunsidrat

Illi dwar ix-xhieda taz-zewg imputati huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna li dak li jghid ko-akkuzat ma jista la jibbenefika u lanqas jippregudika ko-akkuzat iehor[17]. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kellha opportunita ticcara d-differenza bejn ix-xhieda ta' komplici u x-xhieda ta' koakkuzat anke b'referenza ghal diversi sentenzi ohra mghotija mill-Qrati taghna. Dik il-Qorti qalet hekk:

---

[14] Qorti tal-Appell Kriminali deciz fil-25 ta' Frar 2016

[15] Qorti tal-Appell Kriminali deciza fit-23 ta' Frar 2017

[16] Ara **The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor**, 1 ta' Diċembru 2016.

[17]Ref Il-Pulizija vs Austin Joseph Psaila et Appell Kriminali deciz 07.04.1992.

*ir-regola (kontenuta fl-Art. 639(3) imsemmi) ... tirrikjedi korroborazzjoni meta x-xhud wahdani kontra l-akkuzat ikun il-komplici, ... r-regola l-ohra (hi) li l-ko-akkuzat ma hux xhud kompetenti favur jew kontra l-ko-akkuzat l-iehor jew il-ko-akkuzati l-ohra. Din l-ahhar regola hi desunta a contrario sensu minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali, u giet kostantement applikata mill-qrati taghna, fis-sens li l-koakkuzat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkuzat iehor biss wara li l-kaz fil-konfront tieghu jkun gie definittivament deciz.* [18]

Illi konformament ma' dawn il-principji din il-Qorti tista' tqies dak li jghid kull wiehed mill-imputati bhala prova fil-konfront tieghu biss u mhux fil-konfront tal-imputat l-iehor ukoll.

Ikkunsidrat

It-tieni sottomissjoni min-naha tad-difiza tal-imputat hija li ghalkemm l-imputat qieghed jigi akkuzat bir-reat ta' serq minn dak li jemergi mill-provi ma jirrizultawx l-elementi tas-serq izda semmai dawk tar-reat ta' ragion fattasi.

Jehtieg ghalhekk li ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Samuel Schembri et**[19]

*"Illi dwar l-elementi tar-reati ta' serq u raggjon fattasi, u d-differenza fl-element intenzjonali f'dawn iz-zewg reati sar ezami approfondit mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza Il-Pulizija vs John Galea et*[20]*. Wara li dik il-Qorti rriaffermat li l-elementi materjali tar-reat ta' serq huma il-contrectatio dolosa della cosa altrui, fatta invito domino, dwar il-hames element u cioe dak intenzjonali qalet*
*hekk:*

*... kif gie dejjem ritenut mill-Qrati Taghna l-intenzjoni li taghmel xi qliegh tikkostitwixxi l-intenzjoni specifika tar-reat tas-serq. L-element intenzjonali ta' dan ir-reat ma jikkonsistix biss fl-intenzjoni li wiehed jiehu l-oggett , imma ukoll*

[18] Ref Il-Pulizija vs Jeremy Farrugia sentenza datata 23 ta' Mejju 2001.
[19] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fis-16 ta' Gunju 2014
[20] Deciza 30 ta' Jannar 2003

*li dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qliegh. Kif jghid il-Carrara "il dolo specifico del*
*furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui." u "per lucro qui non s'intende un' effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso."Il-Professur Sir Anthony Mamo jispjega hekk: "The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging*
*to others (lucri causa). Thus "lucrum" in this connection does not mean an actual gain or profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one's self...." Il-Professur Mamo izid jelabora "..it suffices that the purpose of deriving a gain in the above sense existed in the intention of the agent; it is not required for the completion of the crime that such gain shall have in fact been realised..... Indeed even where the gain has failed to be realised by reason of a voluntary act of the thief himself (e.g. because he restores the thing) ... the crime of theft juridically continues to subsist , inasmuch as the "animus lucrandi" was*
*present at the time of appropriating the thing. Restitution of the thing or compensation operates only in mitigation of punishment in certain cases". Pero l-istess awtur ikompli jghid li:*

*"The "animus lucrandi" is also negatived if the thing is taken and carried away in the exercise of a pretended right , in which case you may have in appropriate circumstances , the offence under section 84 (illum Section 85) of the Criminal Code" L-istess jghid MAINO: "Se la sottrazione della cosa altrui e' commessa o per pagarsi di un credito, o per compensarsi di un danno, o per esercitare sulla cosa un diritto ancorche' controverso, esula dal fatto, per comune consenso degli scrittori e pel concetto dell'articolo in esame, l'imputabilita' a titolo di furto." u*

*"Ricorrendo gli altri estremi voluti dall'art 235 cod. pen. ,* ***non sara' dunque applicabile il-titolo di furto, ma quallo di ragion fattasi a chi prenda una cosa del suo debitore per rivalersi o garantirsi del suo credito a chi sottragga una cosa litigiosa nella credenza di avervi diritto***[21]*; e cio' perche' in tali casi la coscienza del diritto esclude il dolo del furto, sostituendo al proposito di procurarsi un illecito profitto (n.1843) quello di evitarsi un danno."*
*..... ..... ......*
*Illi mbaghad, kif gie ritenut minn din il-Qorti, l-elementi kostituttivi tar-reat ta' ragjon fattasi kontemplat fl-artikolu 85 tal-Kap.9 huma erbgha u cioe'*

[21] Sottolinear tal-Qorti

*a) att estrem li jispolja lil xi hadd minn xi haga li jkun qed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppozizzjoni, espressa jew prezunta ta' dan il-haddiehor;*
*b) il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt;*
*c) il-koxjenzja fl-agent li hu qed jaghmel "di proprio braccio" dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika ; u*
*d) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi."*

Jehtieg ghalhekk li jkun hemm l-evalwazzjoni tal-provi prodotti fid-dawl tal-insenjamenti appena riportati.

Din il-Qorti hija konvinta li fil-kaz odjern inkwantu ghat-tehid tal-karozzi u l-parts li kienu originarjament mal-karozzi, l-elementi tas-serq ma jirrizultawx ippruvati u li ghalhekk dak li sehh huwa proprju r-reat ipotizzat fl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali. Dan ghaliex irrizulta mill-provi li l-imputat Carlos Aquilina biegh lil Keith Johnson zewg karozzi u li gew iffirmati zewg skritturi bejniethom. Irrizulta wkoll li filwaqt li Keith Johnson kien ta lil Carlos Aquilina diversi cekkijiet li kienu *post-dated* kien hemm tlett darbiet qabel sehh l-akkadut *de quo* fejn l-imputat Carlos Aquilina mar jipprova jsarraf ic-cekkijiet u ma nghatax flus kontra taghhom. Kien dan l-episodju li donnu skatta kollox. Carlos Aquilina sostna li huwa kellu kull dritt li jiehu l-karozzi lura billi kienu nqabzu xi pagamenti u l-partijiet kienu ftehmu fi skrittura minnhom - cioe' dik li kienet tirreferi ghall-bejgh tal-escort mark1 - li jekk jinqabzu tlett pagamenti min-naha ta' Johnson il-karozza terga' awtomatikament proprjeta' ta' Carlos Aquilina sakemm ma jsirx ftehim mod iehor. Fl-iskrittura l-ohra tal-bejgh tal-karozza l-ohra ma kienx hemm tali klawsola. Ghalhekk l-imputat Aquilina ddecieda li minflok jirrikorri ghall-proceduri legali kif kellu l-jedd u d-dritt li jaghmel qabad u agixxa biex jiehu l-ligi b'idejh.

Ghalhekk isegwi li inkwantu ghal-karozzi u l-parts l-elementi tar-reat ta' ragion fattasi kollha jiffiguraw u dan billi l-pussess tal-karozzi kien f'idejn Keith Johnson u ghalhekk huwa gie spussessat minnhom, m'hemmx dubju li kien hemm ftehim li Keith Johnson ma onorax il-pagamenti l-imputat Aquilina deherlu li kellu jagixxi kif agixxa bil-pretensjoni tad-dritt tieghu; u m'hemmx dubju wkoll li Johnson ma tax il-kunsens tieghu ghat-tehid tal-karozzi.

Il-prosekuzzjoni ressqet bhala prova lil Frank Butler li kkonferma li kien ha l-escort mark1 mertu tal-kawza minghand wiehed certu Mario li originarjament giet f'idejh biex jinbiegh ghall-hadid ma jfissirx necessarjament li Carlos Aquilina kellu l-intenzjoni li jisraq il-karozzi. Huwa evidenti li Carlos Aquilina ried jehles mill-evidenza li l-karozza kienet f'idejh ghaliex fl-ahhar mill-ahhar dak li wettaq xorta wahda kien jikkostitwixxi reat.

Izda f'dan l-akkadut ma kienux biss il-karozzi u l-parts taghhom li ttiehdu mill-garaxx izda kien hemm oggetti ohra fosthom ghodda, pjanci tal-karozzi, speakers u hi-fi equipment. L-imputat Carlos Aquilina jichad li ha dawn l-oggetti izda l-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddubita lil Keith Johnson li mill-ewwel meta mar jirrapporta l-Ghassa ssenjala t-tehid ta' dawn l-oggetti. Inkwantu ghall-valur ta' dawn l-oggetti, il-valur taghhom gie indikat bil-gurament mill-parte civilie waqt l-inkjesta. Filwaqt li ghall-parts u l-karozzi l-imputat ma jistax jinstab hati tar-reat tas-serq, il-kwistjoni hija ferm differenti ghall-oggetti l-ohra li ma kienux jifformaw parti mill-ftehim li kien jirregola il-bejgh tal-karozzi. Ghalhekk gie ippruvat li l-imputat Aquilina ghandu jinstab hati ta' serq tal-oggetti l-ohra ossija l-ghodda, speakers u hi-fi equipment, liema serq kien aggravat bil-valur li ma jeccedix l-€2,329.37, bil-mezz in vista li kien hemm sgass u bil-hin izda mhux bl-aggravju tax-xorta tal-haga misruqa.

Inkwantu ghat-tieni imputazzjoni tar-ricettazzjoni din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni.

L-imputat Aquilina gie addebitat ukoll li saq minghajr ma kellu licenzja u assigurazzjoni. Lanqas din l-imputazzjoni ma tirrizulta ppruvata billi ma hemmx il-prova li effettivament huwa saq xi karozza dakinhar.

Fl-ahharnett l-imputat Aquilina gie akkuzat li wettaq reat waqt il-perjodu Roperattiv ta' sentenza sospiza. Giet ezebita vera kopja fotostatika ta' sentenza[22]. Il-konnotati huma bhal dawk tal-imputat odjern. Permezz ta' din is-sentenza huwa kien gie kkundannat ghal tlett xhur prigunerija sospizi ghal sentejn. Biss pero' ma ngabitx prova jekk din is-sentenza kienitx ghaddiet in gudikat u l-Qorti ma tistax tassumi. Ghalhekk l-imputat se jigi liberat minn tali imputazzjoni.

Ikkunsidrat:

L-imputat Russell Brincat xehed li kien huwa li sgassa l-bieb tal-garaxx fejn kienu jinzammu l-karozzi inkwistjoni u dan sar quddiem iz-zewg ko-akkuzati l-ohra u Keith Johnson. Russell Brincat xehed li huwa kien taht l-impressjoni li dak li kienu qeghdin jaghmlu kienet cajta goffa fuq il-habib taghhom Johnson u li huwa rrealizza li din ma kinitx cajta meta wara li hadu l-karozzi mill-garaxx u kienu sejrin lejn Birzebbugia (fil-garaxx ta' Carlos Aquilina) l-istess Aquilina ried jevita l-cameras biex ma jinqabdux.

[22] Dok SZ 26 a fol 179

Din il-Qorti tqis ferm inverosimili li l-imputat Brincat ma fehemx li dak li kienu qeghdin jaghmlu ma kinitx cajta. Ma jistax ikun li ma kienx jaf ghaliex il-ftehim dwar dak li kien se jsir sar quddiemu u huwa kien jaf ukoll li kien hemm il-kwistjoni tal-flus bejn Aquilina u Johnson. Fil-fehma tal-Qorti Russell Brincat ghandu jinstab hati ta' komplicita' fis-serq li wettaq Carlos Aquilina li evidentement kien l-awtur ta' dak li sehh.

Ghalhekk anki Russell Brincat se jinstab hati ta' serq aggravat bil-valur li ma jeccedix l-€2,329.37, bil-mezz u bil-hin.

Inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti se taghmel kunsiderazzjonijiet differenti ghaz-zewg imputati. Inkwantu ghal Carlos Aquilina apparti n-natura tar-reat u l-fedina penali tieghu li mhiex wahda netta kif ukoll il-fatt li bejnu u Johnson waslu anki ghal ftehim civili, tqis li ghandha tikkundanna lill-imputat ghal sentenza ta' prigunerija li tigi sospiza. Inkwantu ghal Russell Brincat il-Qorti se tiehu wkoll in kunsiderazzjoni s-*social inquiry report* li gie redatt. Minn dan jirrizulta li l-imputat Brincat ghandu certu diffikultajiet izda li llum ghandu hajja stabbli u xoghol stabbli. Fil-kaz ta' dan l-imputat il-Qorti tqis li jkun ta' gid ghalih li jitpogga taht ordni ta' probation.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 42(d), 261(b)(c)(f), 263(a), 267, 270, 278(3) u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Russell Brincat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu inkwantu li qieghed jinstab hati li kien komplici f'serq aggravat bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2,329.37, bil-mezz u bil-hin. Ghaldaqstant l-imputat Brincat mhux jinstab hati tal-aggravju moghti tax-xorta tal-haga misruqa u li l-valur ma kienx jeccedi l-ammont ta' €2,329.37 u ghalhekk l-imputat Russell Brincat bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qieghed jitpogga taht ordni ta' probation ghal zmien tmintax-il xahar (18) millum skont id-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Inkwantu ghal Carlos Aquilina din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u ma ssibux hati tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u minnhom tilliberah, wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 267, 270, 278(3) u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Carlos Aquilina hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu inkwantu li qieghed jinstab hati ta' serq aggravat bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2,329.37, bil-mezz

u bil-hin. Ghaldaqstant l-imputat Aquilina mhux jinstab hati tal-aggravju moghti tax-xorta tal-haga misruqa u li l-valur ma kienx jeccedi l-ammont ta' €2,329.37 u ghalhekk l-imputat Carlos Aquilina qieghed jigi kkundannat ghal sentejn (2) priguneriija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien tlett (3) snin.

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tikkundanna lill-hatja jhallsu l-ammont ta' €215.54 kull wiehed rapprezentanti hlas ta' esperti nominati.

Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk jikkommettu reat waqt il-perjodo operattiv ta' din is-sentenza.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

**Dr Josette Demicoli**

**Magistrat**